# LAQGĦA TAL-KOMMUNITA

## It-Tlieta 13 ta' April, 2021

### RAPPORT AMMINISTRATTIV IMĦEJJI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV, GĦAL-PERJODU JANNAR SA DIĊEMBRU 2020

Din hija t-tieni sena tat-tmien leġislatura preżenti tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, li bdiet f-Lulju 2019 taħt it-tmexxija tas-Sindku Romilda B. Zarb.

It-tmien leġislatura hija magħmula min:

Romilda B. Zarb – Sindku

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Infrastruttura
- Anzjani

Responsabiltajiet Oħra:

- Finanzi
- PPP
- Urban Development Fund
- Komunità Kummerċjali
- Infrastruttura
- Planning Authority
- Turiżmu
- Ġemellaġġi
- Permessi tal-festi
- Indafa (Viċi)
- Proġetti (Viċi)

Christopher Grech – Viċi Sindku

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Proġetti

Responsabiltajiet Oħra:

- Trasport Pubbliku

- Immaniġġjar tat-traffiku
- Manutenzjoni tat-toroq
- Planning Authority
- Permessi tal-festi
- Infrastruttura (Viċi)
- Ambjent (Viċi)

<u>Keith Cassar – Kunsillier</u>

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Komunitajiet

Responsabiltajiet Oħra:

- Festi
- Bord tal-Claims

<u>Frans Deguara – Kunsillier</u>

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Integrazzjoni Soċjali

<u>Dott. Angele Rapa – Kunsilliera</u>

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Edukazzjoni

Responsabiltajiet Oħra:

- Pariri Legali
- Bord ta' l-aġġudikazzjoni ta' Tenders

<u>Joseph Gatt – Kunsillier</u>

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Innovazzjoni

Responsabiltajiet Oħra:

- Enerġija Rinnovabbli
- Kwalità ta' Arja Aħjar

<u>Rachel Abela – Kunsilliera</u>

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Għajnuna Soċjali

Responsabiltajiet Oħra:

- Mosta Solidali u Grupp Tislima
- Avvanz tal-Mara fis-Soċjetà
- Problemi ta' Housing

Shirley Abela – Kunsilliera

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Kien ingħatala d-dekasteru Ħarsien ta' L-Annimali, però dan id-dekasteru issa għadda f'idejn il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici.

Aiken Zerafa – Kunsillier

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Sports
- Attivitajiet Fiżiċi

Maria Pia  Bonnici – Kunsilliera

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Ambjent
- Ħarsien ta' L-Annimali

Responsabiltajiet Oħra:

- Fondi Ewropej
- Youth Empowerment Centre
- Paġna ta' Facebook
- Bord tal-Claims

Marvic Camilleri – Kunsillier

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Kultura

Responsabiltajiet Oħra:

- Patrimonju Mosti
- Attivitajiet ġewwa l-Mosta
- Ġieħ il-Mosta / Jum il-Mosta

Joseph Edward Howard – Kunsillier *(Riżenja Jannar 2021)*

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Indafa

Responsabiltajiet Oħra:

- Sigurtà
- Edukazzjoni

Mikhail Micallef – Kunsillier

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Żagħżagħ
- Tfal

## ❖ Xogħol Amministrattiv

F'Mejju 2020 kellna riżenja ta' impjegat, u f'Awissu l-Kunsill impjega tlett impjegati ġodda, u impjegat wieħed f'Ottubru 2020. Dan il-proċess beda b'sejħa nterna, wara nħarġet sejħa oħra bejn il-Kunsilli u r-Reġjuni fejn ma applika ħadd, għalhekk wara saru l-*interviews* wara li kien ħareġ avviż mil-Jobsplus.

Il-Kunsill applika wkoll fl-iskema finanzjara favur il-komunità, biex jkollu impjegat tal-Community Inclusive Employment Scheme, fejn l-impjegat għamel ftit ġimgħat biss għax ma setax jkompli jaħdem magħna. Il-Kunsill ser jibqa' jaħdem biex eventwalment jerġa jkollna mpjegat tas-CIES, bħala parti mil-Corporate Social Responsability tal-Kunsill.

Il-ħidma tal-Kunsill dejjem bla waqfien mhux biss bħala impenn lejn il-lokalità, imma wkoll fejn jidħlu proċeduri, direttivi, regolamenti, u mitt ħaġa oħra li l-Kunsill jrid jiffaċċja ta' kuljum, bejn residenti, kuntratturi, dipartimenti tal-Gvern eċċ, fejn jiena flimkien ma l-istaff tiegħi dejjem ħa nibqgħu impenjati biex dejjem intejbu x-xogħol tagħna, u nagħtu l-aħjar servizz lil-komunità.

Is-sena 2020 ma kienitx faċli għal-ħadd, fejn kulħadd kellu jaddatta biex ix-xogħol jibqa' għaddej bla waqfien minħabba l-pandemija. Bħala Kap Amministrattiv flimkien ma l-impjegati tiegħi, s'issa rnexxielna ma ngħalqu qatt l-uffiċini tal-Kunsill avolja kien hemm uħud mil-istaff li kellhom joqgħodu kwarantina. Dan qed jirnexxielna nagħmluh għax qed naħdmu bħala tim billi qed nitqassmu u naħdmu l-ġranet tax-xogħol tagħna sia mil-uffiċju tal-Kunsill kif wkoll mid-dar.

Nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja l-istaff tiegħi tas-sapport li qed jagħtu waqt dan iż-żmien diffiċli tal-pandemija, fejn kien hemm wkoll min kellu jikkanċella l-*leave* tiegħu, u min kellu jaħdem wara l-ħin tax-xogħol, u dan sar kollu mingħajr tgergir.

## ❖ Ilmenti

Bħala ilmenti jaslulna min kull tip, li uħud mil-ilmenti l-anqas jkollhom x'jaqsmu mal-Kunsill imma xorta nippruvaw ngħinu u insolvu l-ilment li jidħol. Fuq dan il-punt nixtieq inżid li kultant uħud mir-residenti b'dispjaċir ngħid illi mhux dejjem jifhmu r-rwol tal-Kunsilli, u għalhekk tajjeb li r-residenti jikkomunikaw iktar magħna.

Fejn jidħol tqassim ta' boroż nixtieq ninforma li huma l-Wasteserv u l-kuntrattur GreenMT li jissupplixxu l-Kunsill bil-boroż tal-*organic* u dawk ta' riċiklaġġ, biex aħna nkunu nistgħu nqassmu lir-residenti. Il-Kunsill ma jiġix fornut b'boroż għad-djar kollha tal-Mosta, u għalhekk importanti li r-residenti jifhmu li l-boroż huma fuq *first come first served,* u huma biss inċentiv biex ngħinu u ninkoraġġixxu lir-residenti jirriċiklaw.

Problema prinċipali, li għalkemm tjiebet u naqsu l-ilmenti, xorta bqajna nirċievu ilmenti li uħud ma jkunux jistgħu jaqbdu meta jċemplu l-Kunsill. Din hija problema li bħala Kunsill ilni naħdem fuqha mil 2017 biex nara kif nistgħu nimmeljoraw, u dak iż-żmien sar eżerċizzju żgħir fuq il-

PABX, biex jkollna sistema ta' *call waiting* flok jaqaw *engaged* il-linji meta jinzertaw kollha okkupati. Illum il-ġurnata, għanda tlett impjegati li tista' tgħid huma l-*front liners* tagħna biex jirċievu kull tip ta' lment, kif wkoll il-Kunsill illum il-ġurnata żied linja oħra għal-użu tal-pubbliku.

Imma xorta ma waqafniex hemm, illum qed naraw kif nistgħu nkomplu nimeljoraw is-sistema tal-PABX, fejn fost affarijiet oħra, is-sistema tkun tista' toħroġ rapporti fix-xahar, biex wkoll nkunu nistgħu naraw għalfejn mhux qed jirnexxielna naqbdu kull telefonata li tidħol, u forsi wkoll nkunu nistgħu niġbru rapport ta' dawk it-telefonati li daħlu li ma setgħux jitwieġbu, biex nkunu nistgħu nċemplu lura. Hawnhekk, nixtieq nirringrazzja lil-Kunsillier Cassar fejn bl-esperjenza teknika tiegħu qed jassisti fis-sistema tal-PABX.

Apparti l-linji tat-telefons u l-email bħala mezz ta' kommunikazzjoni, il-Kunsill għandu l-paġna ta' *facebook* kif wkoll *website* b'informazzjoni.

Il-Kunsill jirċievi kwantità ta' ilmenti u talbiet, li ivarjaw min rapporti ta' ħofor fit-toroq, problemi ta' drenaġġ, ilma tax-xita, nuqqas ta' dawl, lampi maqtugħin fit-toroq, sinjali tat-traffiku, u mitt ħaġa oħra. Is-soluzzjoni għal-dawn il-problemi mhux dejjem tiddependi mill-amministrazzjoni tal-Kunsill, għax f'ċerti ċirkustanzi jista' jkun meħtieġ aktar żmien biex tittieħed azzjoni. Dan minħabba li jkun jirrikjedi deċiżjoni mill-Kunsill u / jew intervent minn entitajiet oħra, fejn ġieli jkollna nuqqas ta' koperazzjoni, jew aħjar dewmien ta' azzjoni minn xi entitajiet ikkonċernati, imma naċċerta lir-residenti Mostin li l-amministrazzjoni tagħmel min kollox sabiex tissodisfa t-talbiet tar-residenti.

## ❖ Prattiċi tax-Xogħol

Bħala prattiċi tax-xogħol (*work practices*) dejjem jsir progress għax dejjem naraw metodi ġodda ta' kif nistgħu naħdmu aħjar, mhux biss biex nippruvaw nagħtu dejjem l-aħjar servizz, imma wkoll li l-aħjar prattiċi attwali jkunu l-aktar mod effiċjenti biex wieħed jkun jista' jaħdem. Prattiċi oħrajn fuq il-post tax-xogħol jinkludu r-relazzjonijiet ta' kuljum li jesperjenzaw l-impjegati. Importanti wkoll li ma nieqfux biss fuq listi ta' *policies*, programmi u benefiċċji, imma li nipprovdu aspettattivi ċari, biex l-impjegati ma jkunux frustrati u demotivati meta ma jkunux jafu eżattament x'inhu mistenni minnhom, u importanti li niffunzjonaw bl-aħjar mod possibbli biex is-servizzi lir-residenti jkun mil-aqwa.

## ❖ Finanzi

Kull Kunsill lokali f'Malta u Għawdex irid iħabbat wiċċu ma' kif jista' jagħmel aktar xogħolijiet u jagħti aktar servizzi fil-lokalità tiegħu bl-ammont ta' flus li jirċievi mill-Gvern Ċentrali. Din is-sena il-Kunsill tal-Mosta rċieva is-somma ta' 1,408,533 Ewro mill-Gvern Ċentrali, liema allokazzjoni kienet maqsuma hekk kif inhu ġej:

- Tisbiħ u Manutenzjoni tal-Parki u Ġonna € 70,252
- Fondi għal-Latrini Pubbliċi € 7,578
- Tiswija u Manutenzjoni ta' Toroq:
  - Urbani: Sinjali u Marki tat-Traffiku € 231,108
  - Mhux Urbani: Sinjali u Marki tat-Traffiku € 50,760
  - Knis ta' Toroq Urbani € 166,572
  - Tindif ta' Toroq mhux Urbani € 22,560
- Immaniġġjar tal-iskart
  - Ġbir ta' Skart u *Bins on Wheels* € 432,043
  - *Waste Tipping Fees* € 147,589
- Spejjeż ta' Amministrazzjoni € 280,072

Apparti l-allokazzjoni li l-Kunsill jirċievi mil-Gvern Ċentrali, l-Kunsill japplika għal-skemi u fondi biex jkunu jistgħu jsiru proġetti fil-lokalità. Dawn il-fondi jiġu minn skemi tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, mid-Development Fund tal-Awtorità ta' l-Ippjanar, u fondi oħra Ewropej li l-Kunsill jkollu opportunità li japplika meta dawn jkunu disponibbli.

Il-Kunsill reġa' b'suċċess għalaq is-sena b'*surplus*, fejn sa Diċembru 2020 kellna bilanċ pożittiv ta' FSI 52% li jammonta għal €734,333 Ewro.

## ❖ Laqgħat tal-Kunsill u Laqgħa Pubblika

Matul is-sena 2020 issejħu 16 il-laqgħa tal-Kunsill u 1 laqgħa pubblika. Saru 14 il-laqgħa tal-Kunsill, u tnejn, laqgħa numru 15 u 17 ġew posposti. Il-laqgħa pubblika t'April ma kienitx saret minħabba l-pandemija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher fit-tabelli ta' hawn taħt:

| Laqgħa tal-Kunsill | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| Sindku Romilda B. Zarb | 14 | 0 | 0 |
| Viċi Sindku Christopher Grech | 11 | 2 | 1 |
| Kunsillier Keith Cassar | 12 | 2 | 0 |
| Kunsillier Frans Deguara | 14 | 0 | 0 |
| Kunsillier Dr Angele Rapa | 12 | 0 | 2 |
| Kunsillier Joseph Gatt | 9 | 5 | 0 |
| Kunsillier Aiken Zerafa | 12 | 2 | 0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kunsillier Maria Pia Bonnici | 9 | 4 | 1 |
| Kunsillier Rachel Abela | 13 | 1 | 0 |
| Kunsillier Shirley Abela | 10 | 4 | 0 |
| Kunsillier Marvic Camilleri | 14 | 0 | 0 |
| Kunsillier Joseph Edward Howard | 12 | 2 | 0 |
| Kunsillier Mikhail Micallef | 8 | 6 | 0 |

| Laqgħa Pubblika Diċembru 2020 | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| Sindku Romilda B. Zarb | 1 | 0 | 0 |
| Viċi Sindku Christopher Grech | 1 | 0 | 0 |
| Kunsillier Keith Cassar | 0 | 1 | 0 |
| Kunsillier Frans Deguara | 1 | 0 | 0 |
| Kunsillier Dr Angele Rapa | 1 | 0 | 0 |
| Kunsillier Joseph Gatt | 1 | 0 | 0 |
| Kunsillier Aiken Zerafa | 1 | 0 | 0 |
| Kunsillier Maria Pia Bonnici | 1 | 0 | 0 |
| Kunsillier Rachel Abela | 1 | 0 | 0 |
| Kunsillier Shirley Abela | 0 | 1 | 0 |
| Kunsillier Marvic Camilleri | 1 | 0 | 0 |
| Kunsillier Joseph Edward Howard | 1 | 0 | 0 |
| Kunsillier Mikhail Micallef | 1 | 0 | 0 |

❖ Affarijiet Oħra.

Proġetti, attivitajiet, u servizzi li saru matul is-sena 2020 ser jiġu trattati fir-rapporti li qed jiġu ippreżentati mil-Kunsilliera responsabbli mid-Dekasteri tagħhom, u annessa mal-minuti bħala Appendiċi.

❖ Konklużjoni.

Bħala Kap Eżekuttiv, Kap Amministrattiv u Kap Finanzjarju jiena flimkien ma l-istaff nagħtu s-sehem kollu tagħna, u flimkien magħhom naħdem u nattwa dak li l-Kunsill japprova għall-ġid tal-lokalità.

Il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lir-residenti għax bil-koperazzjoni tagħkom nkunu nistgħu nwettqu l-livell ta' servizz li nixtiequ ilkoll flimkien. Nixtieq wkoll nġedded l-istedina biex iktar residenti javviċinaw il-Kunsill, wara kollox l-għan tal-Kunsill huwa biex jaħdem id f'id mar-residenti f'kull qasam ħalli nkunu flimkien il-protagonisti ta' Mosta aħjar u ta' suċċess.

Grazzi.

Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv